MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Avviz Numru. 111/2012

**Kevin Busuttil**

**vs**

**Probe Technologies Ltd (C30550)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ta’ l-attur pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-27 ta’ Marzu 2012 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thalsu s-somma ta’ disat elef, mija u erbghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€9,140.61) rapprezentanti arretrati ta’ pagi u commissions dovuti lilu kif miftiehma fid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. RB1.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata tlettax (13) ta’ Jannar 2012 u bl-imghaxijiet legali mill-31 ta’ Dicembru 2011 kontra is-socjeta’ konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Probe Technologies Ltd li giet prezentata fil-31 ta' Mejju 2012 fejn eccepiet:
*"illi filwaqt li l-ammont pretiz mill-attur ma huwiex ikkontestat fis-sens ta' somma miftiehma bejn il-partijiet bhala li dovuta favur l-attur fir-rigward tal-pretensjonijiet tieghu, dan l-istess ammont huwa pacut ipso jure sas-somma ta' elf u erbgha mitt Ewro (€1,400) gja qabel mislufa mis-socjeta' konvenuta lill-istess attur.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi."*

**Kevin Busuttil** xehed nhar l-4 ta' Lulju 2012 u spjega illi huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta u kien jiehu hsieb ix-xoghol tas-socjeta' konvenuta. Qal li huwa minnu li matul iz-zmien li kien impjegat maghhom u ma kienx jiehu il-paga, is-socjeta' konvenuta kienet taghtih xi pagamenti zghar. In toto ircieva is-somma ta' elf u tliet mitt Ewro (€1,300), pero' *dato non concesso* jammetti li dawn forsi setghu kienu elf u erba' mitt Ewro (€1,400). Wara xi zmien li kien impjegat maghhom kien qallu li waqt li kien impjegat maghhom kien ghamel hafna spejjez fil-karozza u fil-fatt ghandu ricevuti u kien nefaq xi spejjez ancillari ohra, u s-socjeta' konvenuta kienet talbitu, jekk huwa kienx kuntent li jpaci dawk l-ispejjes li kien hareg ghan nom tas-socjeta' konvenuta ma dawk l-elf u erba' mitt ewro li huwa kien ircieva u kien qalilhom li kien kuntent.

Sussegwentament kienu ltaqghu u iffirmaw ftehim dwar dak li effettivament kellu jiehu, u ikkonferma li llum il-gurnata l-ammont li ghandu jiehu minghand is-socjeta' konvenuta jammonta ghal 9,140.61 Ewro. Il-ftehim, li qed jirreferi ghalih huwa il-ftehim li hemm esebit fl-atti a fol 2 u qal li ghalkemm hemm indikat li l-bilanc kien ta' 10,140.61 ewro, qal li minn dak in-nhar 'l hawn il-konvenut kien tah elf ewro (€1,000) u ghalhekk illum il-bilanc huwa dak mitlub minnu fir-rikors promotur. Tenna li l-elf u erba' mija (euro 1,400) li dwarhom il-konvenut qed jghid li kien hemm xi tpacija, m'humiex l-elf euro li huwa kien thallas wara li gie iffirmat dan il-ftehim. Il-kwestjoni ta' elf u erba' mitt euro (€1,400) kienet giet diskussa qabel ma gie redatt il-ftehim u ghalhekk tenna li l-ftehim sar wara.

Spjega li l-elf u erba’ mija li qed tippretendi s-socjeta’ konvenuta hija somma flus li huwa kien nefaq u din kienet giet pacuta mal-leave li ma kienx ha, ghall-ispejjes fil-karozza, l-ispejjes tal-alarm li kien xtara minghand is-socjeta’ konvenuta u li kellhom ibieghuha ghaliex ma kellhomx aktar in stock, u ghal xi spejjes ohrajn. Fil-fatt nixtieq qal li kien anke ghamel Visa Card u wehel hafna interressi ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta. Ikkonferma li dawn l-ammonti kienu gew diskussi qabel *(sottolinejat mill-Qorti)* ma gie redatt il-ftehim li jinsab esebit fl-atti a fol 2. Mistoqsi jekk qattx issellef xi flus minghand is-socjeta’ konvenuta qal li le effettivament qatt ma ssellef flus.

In kontro-ezami mistoqsi ta’ minn huma l-firem a fol 2 ta’ l-atti qal li dawn huma il-firem tieghu u dik ta’ Etienne Cini ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta, u Etienne Cini huwa d-direttur tas-socjeta’ Probe Technologies Limited.

Rat l-affidavit tal-attur **Kevin Busuttil** li gie prezentat fid-9 ta’ Jannar 2013 fejn fih iddikjara li hu kien beda jahdem mal-kumpanija Probe Technologies Limited fis-16 ta’ Jannar 2004 wara li Etienne Cini kien avvicinah b’offerta ta’ xoghol. Huwa stqarr illi wara ftit jiem li beda jahdem huwa beda jahdem ghal tnax u erbatax-il siegha kuljum meta il-ftehim kien li jahdem ghal tmien sieghat kuljum. Huwa qatt ma gerger dwar dan ghax kien kuntent jara l-kumpanija tikber u l-paga kien jirceviha regolarment. F’Lulju 2007, Etienne Cini kien ikkonvincih biex jaghmel *credit card Visa Gold* fuq ismu personali b’limitu ta’ tlett elef lira Maltin.

L-attur spjega li l-problemi finanzjarji fis-socjeta’ konvenuta bdew fl-2009 meta Etienne Cini beda jpartat ix-xoghol ordnat minn terzi ma’ affarijiet personali ghalih u ghall-familja tieghu. F’okkazjoni minnhom Etienne Cini kien akkwista arloggi ta’ valur gholi minghand Classic Jewellers u Diamonds International ghal xoghol maghmul mis-socjeta’ konvenuta. L-ahhar kont li l-istess terzi kellhom jaghtu lis-socjeta’ konvenuta kien jammonta ghal €7,000 liema ammont kien imhallas b’arlogg tan-nisa li l-istess Etienne Cini kien akkwista ghall-mara tieghu bhala

rigal ghall-gheluq snina. Huwa semma kont iehor li Polidano Brothers kellhom pendenti ma' Probe Technologies li jammonta ghal €30,000 li kien gie mhallas permezz ta' xi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u riparazzjoni f'ghalqa li l-kunjatu ta' Etienne Cini kien sellef lill-istess Cini.

L-attur spjega wkoll li Etienne Cini beda jpartat ix-xoghol ma' Satariano Properties Ltd sabiex jakkwista *penthouse* go Hal Balzan b'valur ta' 130,000 Liri Maltin. Ftit wara, Cini ried ipartata ma' ammont ta' deheb u fidda b'valur ta' 120,000 Liri Maltin. Etienne Cini kien qallu wkoll li kien iltaqa' ma' negozjanti kbar u minhabba f'hekk ried karozza prestigjuza biex jilqaghhom biha. Din il-vettura kienet BMW u kien xtraha ghas-somma ta' €26,000.

Huwa tenna li Etienne Cini kien jaf bil-problemi finanzjarji kbar li hu stess kien dahhal lis-socjeta' konvenuta fihom. Ghalhekk kien jghidlu li kien jixtieq jiftah *business* go Dubai u li l-flus kienu ser jibdew gejjin bhal meta tiftah vit tal-ilma.

Ir-rikorrenti iddikjara li huwa beda jaffaccja hafna problemi fuq il-post tax-xoghol ghax il-kumpanija ma kellhiex aktar stock biex jaghmel tajjeb ghall-ordnijiet li kienu saru minn terzi. Huwa spjega li hafna drabi kienu jispiccaw jaghqdu *equipment* ta' livell inferjuri sabiex ikunu f'pozizzjoni li jwasslu l-prodott lill-klijenti. Huwa sostna li Etienne Cini kien dejjem jghid li l-istock kien diehel xi gimghatejn ohra izda baqa' qatt ma wasal. L-attur iddikjara li kien qala' l-alarm mid-dar tieghu sabiex titwahhal ghand kreditur ta' Probe Technologies Limited u fil-fatt Etienne Cini rringrazzjah kemm-il darba ta' dan il-gest.

Fis-sena 2009 beda jkollu problemi fuq il-paga tieghu stess minhabba n-nuqqas ta' likwidita' li kienet qed issofri minnha l-kumpanija. Etienne Cini beda jitolbu biex jiehu pacenzja sakemm jiehu ftit tan-nifs u ghalhekk beda juza l-*credit card* sabiex jghajjex il-familja tieghu. Huwa kien spicca juza l-vann tal-kumpanija b'licenzja mhux imhallsa ghal sentejn shah u hallas ghad-dijzil ta' dan il-vann mill-*credit card* minhabba li l-*fuel supplier* kien waqaf

jaghtihom *fuel* bi kreditu. Huwa hallas ukoll is-*service* tal-vann tal-kumpanija u tal-hsarat li kienu jinqalghu u dan apparti tal-flus *cash* li kien jaghti lill-haddiema tal-kumpanija biex jixtru l-*fuel*. Huwa kien jittama li s-sitwazzjoni u l-qaghda finanzjarja tal-kumpanija kienet ser titranga izda minflok marret ghall-aghar. Huwa kien qed isir jaf ukoll bl-affarijiet li Etienne Cini baqa’ jixtri minn fuq il-kontijiet tal-kumpanija ghall-uzu personali bhal xi *flat screen television* jew xi *suit* ghalih stess ghall-prezz ta’ €700.

Ir-rikorrent iddecieda li jieqaf jahdem ghas-socjeta’ konvenuta f’Gunju 2009 u f’laqgha li kellu ma’ Etienne Cini, huwa nfurmah li ma felahx aktar ghall-pressjoni fuq ix-xoghol. Cini kien wiegbu li kien apprezza x-xoghol kollu li ghamel ghall-kumpanija u offrielu li jkompli jhallaslu l-paga sakemm isib xoghol iehor.  Pero’ huwa  rrifjuta u nfurmah li xtaq biss li jithallas ta’ dak li kellu jiehu sa Gunju tal-2009. Huwa semmielu wkoll l-€1,400 li kien tah fix-xhur precedenti f’ammonti zghar minhabba li ma kienx qed jithallas paga mensili. Pero’ Etienne Cini qallu biex jinsiha dik is-somma minhabba l-ispejjez kbar li r-rikorrent kien dahal fihom matul l-impjieg tieghu. Fost dawn l-ispejjez, Etienne Cini semmielu l-ispejjez li kien hallas l-attur fosthom l-imghaxijiet fuq il-credit card, il-bilanc tal-istess credit card, il-fuel u l-manutenzjoni ghall-vann tax-xoghol, is-sistema tal-alarm u l-leave li qatt ma kien ha jew thallas ghalih.

Ir-rikorrent spjega li dawn l-ammonti zghar li Etienne Cini kien ghaddielu fix-xhur ta’ qabel li flimkien ammontaw ghal €1,400, kienu tnizzlu fuq *excel sheet* li huwa kien holoq biex izomm rendikont ta’ dawn l-ammonti sabiex jigu koperti l-ispejjez tal-kumpanija. Huma qablu bejniethom biex ma jibqghux dovuti u sar ftehim bejniethom fejn tnizzlu l-pagi u *commissions* li kellu jiehu minghand is-socjeta’ konvenuta sa Gunju, 2009. Ir-rikorrent u Etienne Cini iffirmaw dan il-ftehim u qablu li r-rikorrent kien ser jinghata €2,000 fix-xahar sabiex jinqatghu l-ammonti pendenti lilu. Sa Dicembru, 2009 Etienne Cini kien avvanzalu €3,000 minn €12,000 li kellu jiehu izda sa llum baqa’ qatt ma tah pagament iehor. Ir-rikorrenti ghamel

diversi tentattivi biex jikkomunika mieghu bil-kelma t-tajba izda hu qatt ma kien disponibbli. Huwa kkonferma illi ghadu jhallas id-dejn sal-lum li ghamel fuq il-credit card.

**Kevin Busuttil rega'** xehed fit-30 ta' Jannar 2013 fejn esebixxa numru ta' bank statements li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument SP u dawn huma relatati mal-uzu tal-credit card li kellu.

In kontro-ezami huwa gie mistoqsi jekk ghandux xi prova dokumentarja jew xi prova ohra rigward l-affidavit tieghu, fejn kien iddikjara li huwa kien jahdem bejn tnax u erbatax-il siegha kuljum, wiegeb li le, ma ghandux prova ohra hlief ghax-xhieda tieghu. Ir-rikorrent stqarr li l-fatt kien ikun huwa stess li jiftah l-istores, kien jibghat lill-haddiema biex jahdmu u kien hu responsabbli ghall-gheluq ta' dawn l-istores. Dan huwa fatt fih innifsu li jindika li fil-fatt huwa kien jahdem aktar minn tmien sieghat. L-istaff kienu jaslu fuq il-post tax-xoghol ghal habta tas-sebgha ta' filghodu u huwa kien ikun hemmhekk presenti, gieli ghal habta tas-sitta u nofs u kien jaghlaq u qatt ma telaq qabel is-sebgha ta' filghaxija. Dan ma kienx hekk mill-ewwel, izda wara xi zmien li kien beda x-xoghol maghhom. Fil-fatt kien wara xi xhur li kien beda jahdem maghhom u mhux wara ftit jiem kif kien qal fl-affidavit tieghu.

L-attur spjega li meta qal fit-tieni paragrafu tal-affidavit tieghu li kien Etienne Cini li kkonvincieh biex jaghmel il-credit card fuq ismu, sostna li fil-fatt kien hu li hajjru, mhux ghax gieghlu bilfors. L-attur cahad dak li gie allegat lilu li Etienne Cini ma hajrux biex jaghmel il-credit card fuq ismu. Id-dokumenti li huwa esebixxsa seduta stante mmarkati bhala dokument SP huma b'referenza ghal din l-istess credit card. L-attur sostna li huwa mhux qed jikkontesta l-fatt li din il-credit card fil-fatt infethet minnu personalment. Huwa dehrlu li kellu jghid li s-socjeta' konvenuta kellha problemi finanzjari ghax fil-fatt huwa ghadu qed ibghati l-konsegwenzi sal-lum, fis-sens li ghadu ma thallasx dak li huwa dovut lilu.

Huwa stqarr li huwa kien jara u jmiss b'idejh id-dokumentazzjoni ta' fejn isir bdil tas-socjeta' konvenuta fuq propjeta' ta' terzi. Pero' huwa m'ghandux kopji taghhom u ghalhekk ma kinux affarijiet tieghu li kellu jiehu. Huwa spjega li seta' jara xi affarijiet tal-accounts u kien jaf li Probe Technologies kienet taghmel *bartering*. Huwa ma jistax jghid jekk kienux dejjem Probe Technologies jew Probe Trading, pero' kienu Probe. Il-*bartering* kien isir minn naha tal-kumpanija ta' Etienne Cini maghrufa bhala Probe. Huwa stqarr li gieli fil-bartering, kien ipartat anke arlogg sabiex jaghtih lill-mara tieghu li dik hija haga personali u mhux haga tal-kumpanija. Din mhux kwestjoni biss tal-arlogg izda kien hemm ukoll meta l-kumpanija xtrat affarijiet ohra ghalih personali bhal per ezempju *television* ghalih personali. Ikkonferma li huwa mhux *accountant* u ghalhekk ma ezaminax effettivament kif gew rappurtati dawn il-*bartering* fil-kumpanija. Huwa kien ikun interessat biss fil-flus li kellu jiehu hu. Huwa kien ikun jaf dawn l-affarijiet skond ma kien jghid Etienne Cini stess ghax kif effettivement stqarr Etienne Cini stess, huma kellhom relazzjoni tajba bejniethom u kien hu li jghid dawn l-affarijiet. Huwa gie mgharraf li effettivament Etienne Cini kien qed jichad dan id-diskors pero' cio nonostante l-attur sostna li dan hu minnu u li kien qed jghid dan id-diskors taht gurament.

L-attur iddikjara li s-socjeta' konvenuta kellha klijent Classic Jewellers jew Diamond International li kellhom jaghtu xi flus lil Probe Technologies, u minnflok effettivament li Probe irceviet il-flus, bhala *part payment* minn dak dovut lilha, il-Probe kienet irceviet arlogg bhala parti mill-pagament. Huma kienu ilhom jistennew dawn il-flus minghand il-klijent. Fil-fatt flimkien ma' dan l-arlogg, il-klijent kien gab xi ftit flus, xi elf ewro (€1,000) , piu' o meno u l-arlogg kien gie stmat xi sebat elef ewro jew sebat elef u hames mija. Dan l-arlogg kien iswed bil-brillanti u jaf dan ghax kien qallu Etienne Cini stess. Sostna li l-klijent qatt ma mar fuqu u qallu li ried ihallsu mod iehor milli jaghtih flus. Lilu l-klijenti tal-Probe dejjem bil-flus kienu jhallsuh. Pero' jaf li kien hemm kwestjonijiet ohrajn ta' *bartering*, bhal per ezempju Penthouse gewwa Hal Balzan. Mistoqsi jekk jafx li s-socjeta' konvenuta

kellha problemi sabiex tithallas minn Polidano Brothers, wiegeb li jaf li certu invoices ingabru u ammont kbir ta' invoices gew imparta fuq ghalqa mikrija u dan jafu ghax kien jghidlu Etienne Cini. Huwa ma qaghadx jiccekkja fl-accounts, izda qaghad biss fuq il-kliem ta' Etienne Cini u lanqas qatt ma ghamel xi ricerki fir-Registru Pubbliku dwar dan. Lanqas dwar il-kwistjoni tal-Penthouse huwa ma ccekkjax l-accounts tal-kumpanija. Pero' l-operations manager ta' Satariano fejn huma hadmu fl-Esprit u fin-Next ikkonfermalu dan li effettivament kien qal Cini, li kien hemm dan it-tpartit. Huwa ma jafx jekk it-tpartit rigwardanti l-post f'Hal Balzan sarx f'isem Cini personali jew f'isem Probe.

**Kevin Busuttil rega'** xehed fil-25 ta' Frar 2013 fejn ghamel referenza ghall-affidavit li tieghu li jinsab esebit fl-atti a fol 29 et seq partikolarment dwar it-tpartit li sar ma' Satariano Properties Limited.  Qal li fil-fatt it-tpartit kien dwar penthouse. Mistoqsi jekk jafx jekk kienx Etienne Cini personalment li kien qieghed ipartat din il-penthouse wiegeb li Etienne kien ser jakkwista Penthouse minghand Satariano Properties in kontro-kambju max-xoghol li kienu qedghin jaghmlu bhala Probe Technologies Limited. Assuma li Etienne Cini kien qieghed jiddilja ghan-nom tas-socjeta' konvenuta fis-sens illi beda jpartat ix-xoghol ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

Mistoqsi ghaliex huwa semma wkoll li Etienne Cini akkwista karozza BMW ghas-somma ta' €26,000 qal li fil-fatt huwa dehrlu li dan kellu jghidu ghax din hija informazzjoni li kien jaghtih Etienne Cini meta kien jghidlu li din il-kumpanija ma kienx ikollha flus. Il-kumpanija kellha bzonn hafna flus biex jixtru stock meta fil-fatt Etienne Cini kien jixtri dawn l-affarijiet minflok li jixtri *stocks* u jinvesti fil-kumpanija.  L-attur ma jistax jghid f'isem min inxtrat il-karozza u cioe' jekk hux f'isem Etienne Cini di propju jew f'isem Etienne Cini ghan-nom tal-kumpanija. Pero' seta' jghid li l-flus li kienu jingabru ma kinux jigu dejjem iddepozitati fil-kontijiet tal-kumpanija ghax kienu jigu depozitati fil-kontijiet personali tieghu. Huwa jaf dan peress li kien jghidlu hu stess.

L-attur sostna li huwa ma kellu l-ebda kontroll fuq il-kontijiet tas-socjeta' konvenuta. Huwa m'ghandu xejn bil-miktub, ghandu biss ix-xhieda guramentata tieghu. Ix-xhud cahad li huwa qala' l-alarm mid-dar tieghu minghajr konsultazzjoni ma' Etienne Cini. Tant u hekk li fil-fatt anke Etienne Cini kien qala' l-alarm li kienet giet installata fid-dar tieghu. Huwa ddikjara li kienu qalghuhom it-tnejn, ghalkemm mhux it-tnejn flimkien, biex jaghtuhom lill-kredituri taghhom.

Mistoqsi jispjega ghaliex fil-fatt Etienne Cini kien tah is-somma ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400) kif hemm imsemmi fil-paragrafu 9 tal-affidavit tieghu a fol 30, iwiegeb li Etienne Cini qatt ma talbu biex jikteb din is-somma. L-excel sheet li huwa prezenta l-Qorti kienu notamenti li kien jikteb hu sabiex ikun hemm *record* u trasparenza. Etienne Cini qatt ma talabhom lura anzi weghdu hafna aktar affarijiet. Ir-rikorrent sostna li nghata din is-somma flus ghax ma kienx jaghtih paga ghal xahar, xahrejn jew tlieta u kien ikun iddisprat u b'hekk kien jaghtih xi haga.

L-attur iddikjara li ma ghamel l-ebda kawza kontra Etienne Cini jew kontra s-socjeta' konvenuta dwar l-ispejjez li kellu fuq il-credit card. Pero' peress li huwa kien jaf kemm l-attur qed jehel interessi minhabba f'hekk kien qallu biex ma jsemmihomx ghaliex hu mhux dawk kien haqqu, izda haqqu hafna aktar. Mistoqsi kif jaf l-affarijiet li semma u cioe' ta' kif Etienne Cini kien jixtri ghall-uzu personali tieghu, qal li *suit* hija haga personali ghalih u l-attur rah iwahhal il-flat screen television li kien fid-dar tieghu. L-attur jaf li Etienne Cini kien jiddeposita xi flus f'kont tal-kumpanija u ohrajn f'kontijiet ohrajn. Dan jafu ghax hu stess kien jara fejn ser iqassam il-flus. Fil-fatt kien hemm kont partikulari tal-APS li hu ta' Etienne Cini personalment ghalkemm gieli l-attur inghata l-pagamenti minnu u gieli iddepozitaw fih ukoll. Ghalih, il-kont tal-APS li kellu Etienne Cini kien ukoll kont tal-kumpanija ghax kienu jiddepozitaw il-flejjes tal-kumpanija go fih u kienu jixtru ghall-kumpanija minn dawk il-flejjes ukoll.

Huwa stqarr illi qatt ma talabhomlu lura Etienne Cini l-elf u erba' mitt ewro (€1,400) imsemmija fil-paragrafu numru 9. Iddikjara li huwa ammetta mill-ewwel gurnata li ha l-elf u erba' mitt ewro (€1,400), pero' meta marru biex jiftehmu fuq dak li kien ghad baqghalu jiehu minn ghandu huwa qallu li dawk il-flus ma riedhomx lura. Il-flejjes huwa hadhom ghax kien nieqes mill-flus ovvjament. Etienne Cini dejjem kien jaf sa l-ahhar one cent kemm kien jiehu ghax kien jiktibhom. Dawn kienu jkunu cash li kienu jkunu jidhlu hsarat tal-kumpanija tas-socjeta' konvenuta u meta huma jigu biex jaghmlu d-deposit kien jghid dawn ser jigu depozitati f'dan il-kont, ohrajn f'kont iehor u whud minnhom kienu jehduhom kemm hu kif ukoll l-attur. Il-Flus kien johodhom hu  u ma kienx Etienne Cini li kien jghaddihomlu, fil-fatt kien hu li kien jghaddi l-flus lilu. L-attur spjega li meta huwa qal li kien Etienne Cini li kien jghaddilu flus, ried ifisser li Etienne Cini kien ikun mieghu u ghalhekk kien ikun jaf b'dawk il-flus li huwa kien qed jiehu. Ghalhekk kien qed jehodhom bl-approvazzjoni tieghu. Dwar l-elf u erba' mitt Ewro (€1,400) ma kien hemm l-ebda qbil bil-miktub bejniethom. Il-karti li gew esebiti fil-Qorti huma l-istess karti li kien jimla hu. L-attur sostna li Etienne Cini qatt ma fittxu fuq dawn l-elf u erba' mitt ewro (€1,400). Sakemm kienu qeghdin jippruvaw jaslu fuq pagament, din is-somma flus ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400) qatt ma ssemmiet. Meta kienu waslu biex jaghlqu l-ftehim, dan gie mhassar ghax issemmiet din is-somma ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400).

**Etienne Cini** xehed nhar is-26 ta' Settembru 2012 u spejga illi huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta' konvenuta Probe Technologies Limited u kkonferma li Kevin Busuttil - l-attur, kien il-General Manager ta' din is-socjeta' ghal tmien snin shah. Spjega  li matul dawn is-snin  l-attur  kellu diversi rwoli fil-kumpanija fosthom li kellu  kontroll tal-*petty cash*. Qal li meta l-attur mar sabiex jispicca minn mal-kumpanija dan irrikonoxxa li l-kumpanija kienet ghaddejja minn xi diffikultajiet u l-attur kien ghad baqghalu jiehu xi flus. Huwa naturalment irrikonoxxa dan id-debitu tieghu, u ghamel ftehim mal-attur fejn intrabat li huwa kien ser ihalsu dak li kienu ftehmu dwaru. Pero' qal

li fl-istess hin, il-konvenut kien ammetta li kellu jaghtihom is-somma ta’ elf u erba’ mitt ewro (€1,400) u ghalhekk kien qallu li una volta huwa jonora l-obligazzjonijiet tieghu, l-affarijiet kellhom jispiccaw bil-kelma it-tajba. Fil-fatt jghid li kien lest li jahfirlu din l-istess somma. Stqarr ukoll li peress li issa spiccaw il-Qorti ma jhossx li ghandu jahfirlu din l-istess somma u ghalhekk qed jippretendi li din l-istess somma ghadha dovuta lilhom. Spjega li l-attur kien ammetta li kien ha din is-somma ta’ elf u erba’ mitt ewro (€1,400) mill-*petty cash* minghajr il-kunsens tieghu. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dokument Z. Fih hemm diversi entries bhal, ‘Etienne gave to Kevin’ fit-8 ta’ Novembru 2010 is-somma ta’ mija u hamsin ewro (€150). Qal li hemm entries ohrajn mmarkati bl-ahdar bl-istess kliem, u din hija prova biss ta’ dak li qed ighid u cioe’ li l-attur kien jiehu flus mill-petty cash. Qal li dokumentazzjoni ohra bhal din ghandu fil-pusess tieghu u jista’ jesebiha jekk ikun hemm il-htiega. Qal li tali Dokument Z gie miktub mill-attur.

**Etienne Cini** rega’ xehed in kontro-ezami fil-21 ta’ Novembru 2012 fejn iddikjara li waqt li huma ghamlu l-imsemmi ftehim, hu flimkien mal-attur kienu ddiskutew il-fatt li l-attur ghandu jaghtihom is-somma ta’ elf u erba’ mitt Ewro (€1,400). Huwa spjega li l-ftehim li kellu mal-attur kien fis-sens li l-attur kien intitolat ghal persentagg ta’ tnejn fil-mija tal-bejgh kollu tal-kumpanija, kemm jekk jaghmilhom hu jew le u dan ghax hu kien responsabbli tal-operazzjoni kollha.

Ix-xhud stqarr illi meta l-kumpanija kellha diffikultajiet xi sena u nofs ilu, u peress li ma setghatx tlahhaq mal-flejjes, hu u l-attur kienu ftehmu li l-kummissjoni dovuta lilu kienu ser izommuha ftit. L-attur dejjem kellu l-interess tal-kumpanija u ghalhekk mill-ewwel fehem. Ix-xhud sostna li huma kienu jaghmlu pagamenti mensili u ma kienux jispecifikaw, jekk humiex pagamenti, salarji jew kummissjonijiet. L-attur xtaq li meta jigi biex jitlaq mix-xoghol, il-flus li kienu tawh kienu pagi sabiex il-flus li huwa ha, jitnaqqsu mill-kummissjoni dovuta lilu. Huwa tenna li dak iz-zmien ir-relazzjoni ta’ bejniethom kienet wahda tajba u ghalhekk ma qaghadx jiffittah u ghalhekk ghamlu

statement fejn inkludew dak li kien ha, u waslu ghal ftehim li hemm esebit fl-atti a fol 2.

Ix-xhud kompla jispjega illi l-attur kellu jiehu ammont sostanzjali pero’ accetta li kellu jithallas skond il-modalita’ offerta lilu mis-socjeta’. L-attur kien sema’ li kellu jaghti elf u erba’ mitt Ewro (€1,400) in rapprezentanza ghall-flus li huwa kien ha mill-petty cash. Hawn ix-xhud iddikjara li kienu lesti li jahfruhomlu pero’ l-affarijiet kienu nbidlu meta bdew jaghtu lill-attur elf fix-xahar (€1,000) u dan beda jinsisti anke b’mod agressivament biex jiehu elfejn fix-xahar (€2,000). Ghalhekk ix-xhud qal illi huwa ghamel li kellu jaghmel biex jipprotegi l-interess tal-kumpanija.

Sussegwentement ix-xhud jaf li kellu laqgha, flimkien mal-avukati rispettivi taghhom u kienu kwazi waslu ghal ftehim. Spjega li l-avukata tal-attur xtaqet taghmel kostituzzjoni ta’ debitu u peress li l-affarijiet kienu aktar serji, ix-xhud xtaq li jitnaqqsu l-flus li kien ha, u hija m’accettatx u spiccaw il-Qorti.

Huwa stqarr illi kemm dam impjegat mieghu l-attur, huwa qatt ma fittxu ghal xejn. Huwa cahad li qabel ma’ ltaqghu biex jaghmlu l-kostuzzjoni tal-ftehim, propju qabel ix-xhud kien talbu l-elf u erba’ mitt euro (€1,400) kienu ddiskutew ukoll sabiex jiffirma dak il-ftehim u kienu ftehmu li jhallsu dakinhar stess. Ix-xhud cahad ukoll li l-attur ghamel xi pagamenti minn butu in konnessjoni mal-kumpanija. Dan ghax kieku ghamel xi pagamenti minn butu, hu kien igib ir-ricevuta u kienu jhallsuh mill-ewwel.

Ix-xhud ikkonferma li l-attur kellu *alarm* minn taghhom u qalaha biex jaghtiha lil xi klijent, pero’ dan ghamlu ghaliex xtaq hu, ghaliex il-klijent kien qed idejqu, u mhux ghax talbitu s-socjeta’ konvenuta. Spjega li l-attur kien jircievi l-pagament kull xahar. Huwa qal li effettivament mhux is-salarju kollu kien jircievi fl-ahhar tax-xahar, pero’ kien jinghata parti minnu zgur. Ix-xhud iddikjara l-flejjes li l-attur kien jiehu mill-*petty cash* kienu ghalih.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza nhar l-10 ta April 2013 meta l-partijeit awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti tibda billi taghmel refernza ghal dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2012 (fol. 14 ta' l-atti) meta Dr. Abela Fiorentino ghas-socjeta' konvenuta iddikjara li huwa mhux qed jikkontesta li l-socjeta' patrocinata tieghu ghandha thallas lill-attur is-somma ta' sebghat elef, sebgha mija u erbgha' u sebghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€7,740.61) izda iddikjara li m'ghandhiex tithallas is-somma ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400) ghaliex fil-fehma taghha kien hemm tpacija f'dan ir-rigward.

Illi ghalhekk proprju din il-kawza hija limitata ghas-somma ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400).

Illi minkejja dan pero' din il-Qorti hija rinfaccjata bi skrittura private datata 5 ta' Lulju 2011 li giet iffirmata mill-attur u minn Etienne Cini ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, fejn il-partijiet qablu li l-bilanc dovut bejn il-partijiet u cioe' favur l-attur kien fl-ammont ta' ghaxart elef, mija u erbghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€10,140.61), pero' fix-xhieda tieghu l-attur jghid li wara li giet ffirmata din l-iskrittura, s-socjeta' konvenuta taghtu is-somma ta' elf ewro (€1,000) bhala part payment u ghalhekk skond din l-iskrittura l-bilanc huwa dak pretiz fir-rikors promotur ta' disat elef, mija u erbghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€9,140.61).

Etienne Cini jghid li minkejja li huwa ffirma dan il-ftehim xorta isostni li l-attur ghandu jaghtih is-somma ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400).

Il-principju ewlieni mhaddan fil-kamp tal-kuntratti huwa *pacta sunt servanda.* Propju ghaliex il-ligi trid li kuntratt pattwit skond il-ligi jkollu l-forza ta' ligi bejn il-kontraenti.

Fil-kawza “**Spiteri vs Camilleri et**” deciza minn din il-Qorti (PA/RCP) fit-30 ta’ Mejju 2002 inghad hekk:

*“Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa’dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraenti kif espress filkonvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata”,*

Principju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Art. 993 tal-Kap.16** li jaqra hekk – “*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, w jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita’, bl-uzu jew bil-ligi.* (ara - “**Depares noe vs O’Dea noe**” – A.C. -25 ta’ Gunju 1996).

Kif tajjeb osservat il-Prim’Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet ‘**F. Advertising Limited (C27689) vs.Francis u Antonia konjugi Grixti’** ***“****Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl****-artikolu 992(1****), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta' xi parti*.”

Illi is-socjeta’ konvenuta ma tichadx li kien hemm dan il-ftehim bejn il-partijiet pero’ tghid li l-attur kien debitur tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ elf u erba’ mitt ewro (€1,400). Illi jigi rilevat li dan l-allegat debitu jekk effettivament l-attur kellu dan id-debitu gie krejat qabel ma gie iffirmat il-ftehim a fol. 2 u cioe’ qabel ma l-attur kien spicca mix-xoghol tieghu mas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk semmai, is-socjeta’ konventa kienet konxja ta’ dan l-allegat debitu u messha hadhet hsieb li jigi inkorporat f’dan il-ftehim. Ma jidhrix li dan il-ftehim kien soggett ghal xi pendenza ohra bejn il-partijiet, izda jidher li gie ffirmat ghas-saldu ta’ kull pretensjoni ta’ kwalsiasi pretensjoni li s-socjeta’ talvolta setgha kellha fil-konfront tal-attur.

M'hemmx dubbju li l-attur jidher li kien impjegat serju u denju u ta' xogholu u li fil-fatt sofra bizzejjed bil-mod kif gie trattat mis-socjeta' konvenuta u cioe' li spicca jahdem minghajr ma effettivament kien qed jithallas u jidher li fil-fatt l-attur mexa' ta' ragel mas-socjeta' konvenuta sal-ahhar. Hija s-socjeta' konvenuta li ghal darb'ohra tidher li qed tipprova tiskarta l-obbligazzjonijiet taghha u dan billi qed tipprova tintbieghed mill-ftehim iffirmat minnha stess a fol. 2.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta dwar it-tpacija, din il-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid.

Illi fis-sentenza **"<u>Marianna Spiteri *et vs.* Joseph Vella</u>"** (P.A. (A.J.M.) 3 ta' Mejju 1993 – Vol. LXXVII.iii.128) inghad illi *"minn dan nara li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nnfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur".* (**"<u>Donald Orr *nomine vs.* Edward Gingell Littlejohn *et*</u>"** - A.K. (C.S.) 18 ta' Gunju 1984 – LXVIII.ii.297; **"<u>Stefan Zrinzo Azzopardi nomine vs. Michael Vella nomine</u>"** – K. (A.M. 24 ta' Frar 1995 – LXXIX.iv.1371).

Illi fis-sentenza **"<u>Onor. Carm Lino Spiteri vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici</u>"** (A.C. (H.H.) 25 ta' Jannar 1988 –LXXII.iii. 157 inghad illi *"nfatti kif deciz minn din il-Qorti fl-14ta' Jannar 1995 fil-kawza **"<u>G. Schembri vs G. Chircop</u>"**'ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta z-zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli (Vol. XXXIII.i.614; XXXI.i.8), b'mod illi la darba l-kreditu pretiz mill-konvenut mhux likwidu u esigibbli, huwa ma jistax jeceppixxi lkompensazzjoni.U ghalkemm il-likwidita ta' zewg krediti m'hix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u ma tistax issir malajr…. Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunali (Vol. XVII.iii.4).*

Illi fil-kawza **"<u>Paul Abela nomine *vs* Paul Laferla nomine</u>"** (A.C. 18 ta' Mejju 1953) addirittura inghad li *"ma*

*tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso iure' ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra".*

Illi ghalhekk stante li l-attur stess qed jichad li ghandu jaghti din is-somma, zgur li din il- kwistjoni ma tistax titiqes li tista' tavvera ruhha fi tpacija.  It-tezi tal-attur li din is-somma ittiehdet in konsiderazzjoni meta waslu ghas-somma miftiehma fl-iskittura esebita a fol. 2 hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi.

Illi ghalhekk a bazi ta' dak li hemm miftiehem fil-ftehim fuq imsemmi esebit a fol 2 jinghad li l-eccezzjoni fuq il-mertu ma issibx konfort u ghalhekk qieghda tigi michuda.

**Ghaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, qieghda tilqa' it-talba tal-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur dik is-somma imsemmija fir-rikors promotur ta' disat elef, mija u erbghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€9,140.61) bl-ispejjez u bl-imghax dovuti minn notifika tal-ittra ufficcjali tat-13 ta Jannar 2012.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------